**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 547/2015**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Trevor Micallef)**

**vs.**

**Jordan Azzopardi**

**U**

**Omissis**

Illum il-15 ta' Dicembru 2021

Il Qorti:

Rat illi tressaq Jordan Azzopardi, iben Ivan u Jennifer Anne nee' Meldrum, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Awissu 1989, resident Stoneybrook, Triq ix-Zebbuga, Iklin u detentur tal-karta tal-identita' 405889(M) akkuzat talli:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew qieghed l-hajja fil-periklu car, ikkagunajt ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Gilmore Cachia(Art 216(1)(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.)

Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirtu l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Art 338(dd) Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjajt jew heddit lil Gilmore Cachia (Art. 339 (1)(e) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Jordan Azzopardi akkuzat wahdek talli fl-istess data, f`xi hin wara is-siegha ta` wara nofs in-nhar (01:00p.m) ingurjajt jew heddidt lil Teresa Cachia. (Art 339 (1) (e) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

Akkuzat aktar talli fl-istess data u l-granet ta` wara gibt ruhek b`mod li tajt fastidju lil Gilmore Cachia u li Teresa Cachia kif ukoll gibt ruhek b`mod li kont taf jew messek kont taf li kont ta` fastidju ghal imsemmija Gilmore Cachia u li Teresa Cachia (Art. 251A (1)(a)(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

Akkuzat aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` flokk liema hsara ma tiskorrix l-mitejn u hamsin euro (Euro 250) ghad dannu ta` Gilmore Cachia (Art. 325 (1) (c)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

Akkuzat talli rrenda ruhhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b`sentenzi mogħtija lilhom mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta` Gilmore Cachia u Teresa Cachia jew sabiex tinzam il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hatja b' obbligazzjoni taghha innifisa taht penali ta' flus li tigi iffisata mill-Qorti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi ttrattata bi proceduri sommarji.[1]

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar il-11 ta' Jannar 2016 l-imputat iddikjara li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[2]

Rat illi l-prosekuzzjoni iddikjarat il-provi tal-prosekuzzjoni maghluqa nhar it-18 ta' Dicembru 2017.[3]

Rat li fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2020 l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

---

[1] Folio 29 ta' l-atti processwali
[2] Folio 32 u 34 ta' l-atti processwali
[3] Folio 79 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza ta' l-20 ta' Lulju 2021.[4]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2021 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- L-imputat qatt ma wera rimors ta' ghemilu jew ta' apologija lill-vittmi kif ukoll li qatt ma ghamel tajjeb ghal hsara li kkaguna lil Gilmore Cachia.
- Il-fedina penali ta' l-imputat[5] - filwaqt li fiha jinsabu sentenzi registrati relatati mad-droga ma jirrizultax sentenzi relatati ma dawn ir-reati li bihom gie akkuzat.[6]
- L-imputat huwa recidiv skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[7]

[4] Folio 124-125 ta' l-atti processwali
[5] Liema fedina giet mahruga fit-22 ta' Gunju 2015 u mhiex wahda aggornata sal-gurnata tal-llum
[66] Folio 6-8 ta' l-atti processwali
[7] Vide sentenza esebita a folio 54 ta' l-atti processwali

- L-ammissjoni ta' l-imputat. Illi din il-kawza kienet intiza biex tibda nhar it-28 ta' Ottubru 2015 u sar l-ezami ta' l-imputat nhar il-11 ta' Jannar 2016. Il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-18 ta' Dicembru 2017 u l-imputat rregistra ammissjoni nhar id-9 ta' Dicembru 2020, propju meta l-kawza kienet wasslet fit-tmiem taghha. B'hekk ghalkemm l-ammissjoni saret qabel l-ghoti tas-sentenza finali, fattwalment, ma jistax jinghad li saret fi stadju bikri in vista tal-fatt li saret hames snin wara li l-imputat tressaq u wara li giet appuntata ghal-smiegh tlieta u tlettin (33) darba.

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[8], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[9], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[10] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[11]

  Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li l-Qorti xorta dahhlet f'hafna xoghol u spejjez sabiex tinstema din l-kawza u filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi l-ammissjoni ta' l-imputat saret qabel il-Qorti ghaddiet sabiex tippronunzja ruhha dwar il-fatti u mertu tal-kaz, tqis li din l-ammissjoni saret fi stadju avvanzat u mhux bikri.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.

- Id-difiza ressqet lil Dr. Joseph Spiteri u Dr. Anthony Dimech[12] sabiex jixhdu dwar kundizzjonijiet ta' sahha psikjatra relatata ma' l-imputat. Illi minn dawn ix-xhieda ma jirrizulta xejn li din il-Qorti tista tistrieh fuqhom

[8] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[9] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[10] Thomson Reuteurs, S-29
[11] Blackstone Press Limited – 2006 edition
[12] Folio 115-123 ta' l-atti processwali

stante li ma kellhom xejn x'jirraportaw b'mod dokumentat ghar-rigward il-perjodu meta gara l-incident.

- Il-prosekuzzjoni tenniet li din il-Qorti ghandha tqis sentenza sospiza bhala piena idoneja f'dan il-kaz. Id-difiza abbracjat din il-posizzjoni tal-prosekuzzjoni.

- Il-Qorti rat li dan il-kaz ma kienx semplicement glieda bejn hbieb li eskalata izda kien attakk primeditat u pjanat fuq persuna li gie mfittex u msawwat fit-triq ghal ghajn il-pubbliku, tant li spicca gharwien fit-triq bil-mod aggressiv ta' kif ghattewlu hwejjgu. Kien hemm attentat sabiex il-vittma jigi mkaxkar gewwa l-karozza li kien fiha l-imputat biex isawtuh izda l-vittma irnexxilu jahrab bizejjed biex ma jigix imkaxkar gewwa l-karozza. Madankollu, il-vittma, qala xeba u gie msawwat u sofra ghadam miksur f'gismu li per konsegwenza dawn il-griehi gew klassifikati bhala gravi per durata u kellu jigi rikoverat fl-isptar.

- Illi dan it-tip ta' agir u mgieba m'ghandux f'postu fis-socjeta' u l-Qorti tqis li piena ta' sentenza sospiza ma tkunx piena adekwata tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi l-incident mertu ta' dan il-kaz sehh f'Gunju tas-sena 2015.

  Illi fiz-zmien ta' l-incident il-piena punibbli ghal reat skont l-artikolu 216 kien ghal perjodu ta' prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin u fil-kaz ta'

l-artikolu 251A kien ghal perjodu minn xahar sa sitt xhur jew multa ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) u mhux izjed minn hamest eleft euro (€5,000).

Illi bl-introduzzjoni ta' l-Att Numru XIII tal-2018 il-ligi giet emendata fis-sens li l-piena ghal dan ir-reat giet mizjuda ghal piena ta' prigunerjia ghal perjodu minn sena sa seba' snin fil-kaz ta' l-artikolu 216 u prigunerija ghal perjodu minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn hames elef euro (€5,000) u mhux izjed minn ghaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u prigunerija flimkien.

Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jinghata l-piena applikabli fil-perjodu meta sehh ir-reat u mhux kif emendata illum.

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku u dan fid-dawl tal-fatt li l-imputat huwa recediv u c-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 216(1)(b), 338(dd), 339(1)(e), 251A(1)(a)(b), 325(1)(c)(d), 49, 50 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Jordan Azzopardi, fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' seba' (7) xhur prigunerija li minnhom ghandhom jigu mnaqqsa dawk gia skontati taht arrest preventiv.

In vista tal-fatt li ma giex indikat b'mod car l-ammont ta' hsara li sofra l-vittma l-Qorti ma tistax taghmel ordni ta' kumpens lill-vittma ta' kriminalita' skont l-artikolu 15(a) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-hati a favur ta' Gilmore Cachia u Teresa Cachia ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar it-30 ta' Novembru 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**